**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

18 ta' April, 2021

# IT-TLIET COVID-19 TAL-PAPA

Dan l-aħħar il-Papa Franġisku ppubblika ktieb li jismu "Let us Dream" li fih jagħmel tliet riflessjonijiet fi tliet kapitli. Il-Papa jgħid li f'dan iż-żmien tal-pandemija aħna rridu l-ewwel nett naraw ir-realtà li minnha għaddejjin u mbagħad niddixxernu biex inkunu nistgħu nagħmlu għażliet għall-futur. Fl-aħħar kapitlu l-Papa jgħidilna kif għandna nagħmlu għażliet u deċiżjonijiet li jbiddlu r-rotta li ħadna s'issa sewwa bħala individwi u anke bħala pajjiżi.

F'waħda mill-paġni l-Papa Franġisku jagħmel stqarrija fuq il-ħajja persunali tiegħu u jgħid li huwa għadda minn tliet esperjenzi negattivi li huwa jsejħilhom "it-tliet Covids tiegħi". L-ewwel esperjenza kienet dik ta' meta huwa kellu 21 sena u kien seminarista u marad bil-pulmun. Kien kważi miet u għadu jiftakar kemm għenitu l-Matron tal-ward li kienet soru Dumnikana. Imbagħad kien hemm nurse jisimha Michaela li ħadet ħsieb tagħtih mediċini, u anke żżid ma' dak li kien ippreskriva t-tabib! Il-Papa jgħid li din l-esperjenza negattiva għenitu jara kemm hu nobbli x-xogħol tan-nurses. It-tieni esperjenza li l-Papa jsejħilha "esperjenza tal-Covid" seħħet meta mar jistudja l-Ġermanja. Mar jirriċerka għad-dottorat. Il-Papa Franġisku jgħid li ħass nostalġija għall-Arġentina. Fil-Ġermanja ħassu li kien displaced. Imbagħad ġara wkoll li kemm dam hemm l-Arġentina rebħet it-tazza tad-dinja u ma setax jifraħ f'pajjiż li kien tilef. Il-Papa Franġisku jgħid li din l-esperjenza għallmitu jagħraf minn xiex jgħaddi min ikun barra minn pajjiżu. Darba minnhom meta kien fl-awla tal-università daħlet studenta u fuq il-blackboard kitbet "Viva l-Arġentina!". Il-Papa ħa gost imma xħin daħlet il-lecturer ordnat biex iħassru l-kliem!

It-tielet esperjenza tal-Covid li l-Papa Franġisku jgħid li kellu f'ħajtu, kienet meta huwa kellu jitlaq minn Buenos Aires u jmur jgħix fil-belt ta' Cordoba, fl-Arġentina stess. Kellu xi nuqqas ta' qbil ma' sħabu l-Ġiżwiti għall-mod kif kien imexxi, kif jgħid hu stess. Din l-esperjenza qarsa ġabitu li lanqas kien joħroġ ħafna mill-kunvent. Il-pastorali kienet limitata għall-qrar u l-quddiesa. Imma anke f'din l-esperjenza negattiva ħareġ ħafna ġid għax kif jgħid hu stess, kellu ħafna ħin biex jaqra u jikteb. Barra minn hekk, bi Providenza t'Alla, kien iddeċieda li jaqra sensiela ta' kotba fuq il-ħajja tal-papiet. Mingħajr ma kien jaf, jgħid, huwa ħejja ruħu sewwa għal meta kien se jilħaq Papa.

Hekk jaħdem Alla magħna lkoll. Kull ħaġa negattiva nistgħu nibdluha f'okkażjoni biex nimmaturaw spiritwalment u anke fuq livell uman.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## AVVIŻI OĦRA:

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 21 ta' April fis-6:00pm. Din ser titmexxa minn Dun Manwel Cutajar, Missjunarju fl-Albanija. Se tkun kemm fil-Knisja Bażilika kif ukoll imxandra fuq *Mnarjalive*. Kulħadd huwa mistieden.

**IS-SERVIZZ NAZZJONALI TAT-TRASFUŻJONI TAD-DEMM** jixtieq jirringrazzja lid-39 persuna li l-Ħadd li għadda taw id-demm fil-Berġa tax-Xewkija. L-għotjiet tad-demm li jmiss se jsiru nhar it-Tlieta 20 ta' April mis-1:00pm sal-5:00pm fl-istess Berġa.

**SAN PADRE PIO TA' PIETRALCINA** twieled fil-25 ta' Mejju. Dan huwa jum li fih, il-gruppi kollha, fosthom tan-Nadur, jingħaqdu f'mument ta' talb flimkien ġewwa l-knisja tal-Kapuċċini r-Rabat u jieħdu l-okkażjoni biex jippreżentaw donazzjoni għall-missjunarji patrijiet kapuċċini ġewwa l-Kenja. B'hekk ikunu qed jgħinu l-missjunarji li Padre Pio kien tant iħobb. Min hu interessat jista' javviċina lil Maria Xuereb (79592548 / 21552178) jew l-uffiċċju parrokkjali sas-26 ta' April, 2021. Grazzi bil-quddiem.

**SENA ĊENTINARJA - 25:** Kull sena l-membri leġjunarji jġeddu l-wegħda tagħhom lill-Madonna bħala impenn biex jibqgħu dejjem tagħha u jkunu lesti li ħajjithom kollha tkun mogħtija għas-servizz tagħha.

**IL-QUDDIES JIBDA MINN DAN IL-ĦADD 18 TA' APRIL.** **Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fil-5:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am